PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0153/2014**

4.3.2014

# RAPPORT

dwar l-eżami ta’ nofs il-perjodu tal-Programm ta’ Stokkolma
(2013/2024(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteurs: Luigi Berlinguer, Juan Fernando López Aguilar, Carlo Casini

(Laqgħat tal-Kumitati assoċjati – Artikolu 51 tar-Regoli ta’ Proċedura)

PR_INI

# WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN .......................................23

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ..............................................................................................................................30

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................36

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-eżami ta' nofs il-perjodu tal-Programm ta' Stokkolma**

**(2013/2024(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini - Il-Programm ta' Stokkolma[1],

– wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma tal-Kunsill Ewropew – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali skont l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0153/2014),

***I. Il-Programm ta' Stokkolma u t-Trattat ta' Lisbona***

1. Jemmen li t-Trattat ta' Lisbona kif ukoll ir-rikonoxximent li Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandha saħħa legalment vinkolanti tejbu u saħħu b'mod sinifikanti l-bażi kostituzzjonali li fuqha l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jilħqu l-objettiv li jistabbilixxu żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, imma josserva li xi oqsma jeħtieġu sforzi addizzjonali, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni; iqis li dan l-objettiv jitlob li t-Trattati u l-liġi sekondarja jkunu applikati ugwalment fl-UE kollha; hu tal-fehma, għalhekk, li opt-outs jew reġimi speċjali għandhom ikunu evitati, u fejn possibbli mneħħija; jitlob li l-Kummissjoni u l-Presidenza tal-Kunsill iwettqu aħjar l-obbligu tagħhom li jinfurmaw lill-Parlament 'immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura' li jwasslu għall-konklużjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali; jiddispjaċih dwar dewmien biex l-atti tat-tielet pilastru preċedenti – atti bażiċi, delegati u ta' implimentazzjoni – isiru konformi mal-istruttura l-ġdida ta' normi bi qbil mat-Trattat ta' Lisbona u l-istruttura istituzzjonali l-ġdida;

***Id-dritt tal-inizjattiva tal-Kummissjoni u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja***

2. Jemmen li r-rikors estiż għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja wassal biex it-tfassil tal-liġijiet isir aktar leġittimu u aktar qrib taċ-ċittadin billi żied l-influwenza tal-Parlament, l-

[1] ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
[2] ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

unika istituzzjoni tal-Unjoni eletta b'mod demokratiku; jemmen li f'reviżjoni futura tat-Trattat għandhom jitneħħew l-eċċezzjonijiet li fadal għall-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

3. Josserva li l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' April 2010 bl-isem 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa — Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma', (COM(2010)0171), argumentat favur ambizzjoni akbar biex tingħata risposta għall-preokkupazzjonijiet u l-aspirazzjonijiet ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u enfasizzat ukoll li l-Unjoni trid tkun kapaċi tirreaġixxi għall-avvenimenti mhux mistennija, li tutilizza bla dewmien l-opportunitajiet ippreżentati lilha u li tantiċipa t-tendenzi futuri billi tadatta għalihom;

4. Ifakkar li l-applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja tal-UE hi prinċipju li jiġbor fih il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'firxa usa' ta' politiki relatati maż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; ifakkar fir-rekwiżit tat-Trattat li d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun b'mod miftuħ u l-aktar qrib taċ-ċittadin u l-ħtieġa akbar għall-flessibbiltà; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mid-dritt tagħha li tipproponi leġiżlazzjoni bir-rispett sħiħ għall-kompetenzi tagħha kif stabbilit mit-Trattati u l-prinċipji mniżżla fihom, inkluż is-sussidjarjetà u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-koleġiżlaturi;

*Il-Parlamenti Nazzjonali*

5. Hu tal-fehma li l-parteċipazzjoni akbar tal-parlamenti nazzjonali fl-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea, bħal dik stabbilita bil-protokolli Nru 1 (dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea) u Nru 2 (dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità) annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kellha impatt pożittiv b'mod partikolari fuq l-iżvilupp u l-funzjonament ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mhux biss għaliex ir-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà kien garantit aħjar, iżda wkoll għaliex l-assoċjazzjoni demokratika akbar u iktar intensa tal-popli Ewropej tat kontribut importanti għal-leġiżlazzjoni u t-tfassil tal-politika Ewropea;

6. Jitlob għal kooperazzjoni msaħħa u għal djalogu bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, u bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE b'mod ġenerali u l-parlamenti nazzjonali, sabiex ikun żgurat li, safejn hu possibbli, l-informazzjoni dwar l-inizjattivi tal-UE jkunu disponibbli direttament u immedjatament mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE lill-parlamenti nazzjonali;

*Liġi elettorali uniformi għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew*

7. Jirrimarka li, anke fl-assenza ta' ftehim dwar proċedura elettorali uniformi għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, qed tiġi mmanifestata konverġenza gradwali tas-sistemi elettorali, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-partiti politiċi u ta' fondazzjonijiet politiċi fil-livell tal-UE, tal-ħidma biex jinħoloq statut Ewropew ibbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma ta' regoli dwar il-partiti politiċi Ewropej u tal-projbizzjoni tal-mandat doppju, li wassal biex l-uffiċċju ta' Membru tal-Parlament Ewropew ikun inkompatibbli ma' dak ta' membru ta' parlament nazzjonali; jinkoraġġixxi proċeduri iżjed trasparenti għan-nomina ta' kandidati biex tkun garantita l-indipendenza tagħhom u l-possibbiltà li jiġu introdotti kostitwenzi diretti;

8. Jemmen li l-pubbliku għandu jkun aktar konxju tar-rwol demokratiku tal-Parlament u li l-kampanji elettorali Ewropej għandhom jiffukaw fuq kwistjonijiet Ewropej ġenwini;

9. Jikkunsidra, għalhekk, li għandha tiġi imposta fil-futur ir-riforma tal-proċedura elettorali sabiex issaħħaħ il-leġittimità u l-effikaċja tal-Parlament bit-tisħiħ tad-dimensjoni demokratika tal-UE u t-tqassim aktar proporzjonat tas-siġġijiet fil-Parlament bejn l-Istati Membri, konformament mal-prinċipji definiti fit-Trattati; jemmen li riforma bħal din tista' tinkoraġġixxi liċ-ċittadini Ewropej jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom li tiegħu m'għandhomx iċ-ċittadinanza;

10. Jilqa', madankollu, bħala l-ewwel pass, l-addozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Direttiva 93/109/KE dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini[1], fis-sens li tirrilassa l-obbligi imposti fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li tiegħu ma jkunux ċittadini biex jippreżentaw lilhom infushom għal elezzjoni fil-Parlament Ewropew; iħeġġeġ sabiex ikunu eliminati l-ostakli burokratiċi li għadhom ifixklu l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropew taċ-ċittadini tal-UE li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini, u jinkoraġġixxi kooperazzjoni fost l-Istati Membri bl-għan li tinqered din it-tbatija li qiegħda tipperikola l-istandards demokratiċi tal-UE; itenni li jeħtieġ li jittieħdu passi oħra sabiex lil kull ċittadin tal-UE jiġi ggarantit id-dritt li jivvota irrispettivament mir-residenza attwali tiegħu;

### *Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej*

11. Jilqa' l-addozzjoni tar-Regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej[2] li jagħti liċ-ċittadini poteri ta' inizjattiva politika identiċi għal dawk li jibbenefikaw minnhom diġà l-Parlament Ewropew u l-Kunsill;

12. Hu tal-fehma li l-inizjattiva taċ-ċittadini tista' tiżvolġi rwol ewlieni li bih issir strument b'saħħtu għad-definizzjoni ta' kwistjonijiet li jiġu indirizzati fl-aġenda tal-UE u ssaħħaħ il-leġittimità tal-proċedura tat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE;

13. Jiddispjaċih, madankollu, dwar il-problemi tekniċi li ltaqgħu magħhom l-organizzaturi waqt l-implimentazzjoni tal-inizjattiva u jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjoni biex issolvihom;

14. Jirrimarka li l-applikazzjoni effettiva tal-inizjattiva taċ-ċittadini hija mfixkla mhux biss minn problemi tekniċi, iżda wkoll minn problemi finanzjarji li ġejjin min-nuqqas ta' riżorsi baġitarji;

## ***II. L-evalwazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma u l-implimentazzjoni tiegħu***

### *Id-drittijiet fundamentali*

15. Iqis li l-UE għandha tippromovi l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u

[1] ĠU L 26, 26.1.2013, p. 27.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

tad-drittijiet fundamentali għal kulħadd; hu tal-fehma li l-kapitlu tal-Programm ta' Stokkolma dwar il-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini hu konformi ma' din l-ambizzjoni; jinnota, madankollu, li minkejja l-progress li sar, l-implimentazzjoni ta' dan il-kapitlu teħtieġ li titħaffef;

16. Isejjaħ b'mod urġenti għal miżuri li jindirizzaw l-hekk imsejħa d-dilemma ta' Kopenħagen – sitwazzjoni li fiha l-Unjoni tistabbilixxi standards għoljin biex jiġu milħuqa mill-pajjiżi kandidati, iżda hija nieqsa mill-għodda għall-Istati Membri attwali; jitlob għall-ħolqien, preferibbilment taħt ftehim interistituzzjonali, ta' "Kummissjoni ta' Kopenħagen" magħmula minn esperti dwar id-drittijiet fundamentali, li jkunu indipendenti u ta' livell għoli, li għandhom jiġu maħtura wkoll mill-Parlament, li l-għanijiet tagħhom għandhom ikunu li jiżguraw konformità mill-Istati Membri kollha mal-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, jiżguraw il-kontinwità tal-"Kriterji ta' Kopenħagen" u jagħtu pariri u jirrapportaw dwar kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jistennew il-modifika tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali[1] biex jippermettulu ambitu aktar wiesa' u jissaħħu l-poteri tiegħu, kif mitlub ripetutament mill-Parlament;

17. Jibża' li l-kriżi ekonomika tista' tiżviluppa fi kriżi ta' demokrazija u jemmen li spinta politika b'saħħitha u l-funzjonament trasparenti tal-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livell nazzjonali u Ewropew huma meħtieġa biex ikunu protetti l-kisbiet demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u l-ħarsien tal-minoranzi, kif ukoll il-ġlieda kontra ż-żieda fil-populiżmu fl-Ewropa u biex tkompli tissaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-UE; jinsab imħasseb bil-manifestazzjoni ta' intoleranza fil-miftuħ għall-mobilità taċ-ċittadini tal-UE, bl-għan li jiddgħajfu d-drittijiet tal-ħaddiema li ġejjin minn uħud mill-Istati Membri l-ġodda;

18. Iqis li jeħtieġ tingħata aktar attenzjoni bħala risposta għas-sitwazzjoni partikolari ta' gruppi vulnerabbli u biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu, l-intolleranza reliġjuża, l-Iżlamofobija, l-anti-żingariżmu, l-omofobija u t-transfobija;

19. Hu tal-fehma li hija ta' importanza fundamentali l-adozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta' leġiżlazzjoni li tindirizza r-reati ta' mibegħda u d-diskorsi ta' mibegħda, u dawk li jippromovu, jappoġġaw u jikkommettu reati ta' mibegħda u diskorsi ta' mibegħda, u jitlob li jkun hemm żvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni bi qbil sħiħ mal-prinċipju ta' sussidjarjetà;

20. Jiddispjaċih bin-nuqqas ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u l-atti kontinwi ta' razziżmu lejn u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom fl-UE, inkluż is-segregazzjoni tat-tfal tar-Rom fl-edukazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jinfurzaw id-drittijiet fundamentali u l-inklużjoni soċjali tar-Rom billi jimplimentaw, malajr kemm jista' jkun, ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri[2]; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġaw finanzjarjament u jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tar-Rom fil-politiki

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53, 22.2.2007, p.1.
[2] ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.

kollha li jaffettwawhom;

21. Jenfasizza l-fatt li l-prinċipju ta' universalità japplika għad-drittijiet fundamentali u għat-trattament indaqs; iħeġġeġ lill-Kunsill għalhekk, sabiex jadotta l-proposta għal direttiva kontra d-diskriminazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' politiki ta' inklużjoni għall-persuni b'diżabilità u dwar kemm qed jiġu kkunsidrati d-drittijiet tagħhom;

22. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[1], fejn tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' gruppi żvantaġġati bħan-nisa u t-tfal; jenfasizza li dawn il-gruppi ta' spiss ikunu milquta mit-tipi kollha ta' vjolenza inkluża vjolenza domestika; jirrakkomanda investigazzjoni fil-fond, identifikazzjoni u prosekuzzjoni ta' vjolazzjonijiet gravi bħal dawn tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/99/UE dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni [2]u d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[3] (id-Direttiva kontra t-Traffikar); jistieden lill-Istati Membri jittrasponu u jimplementaw dawn id-Direttivi malajr kemm jista' jkun;

23. Jirreferi għall-inkjesta li għaddejja dwar is-sorveljanza elettronika tal-massa taċ-ċittadini tal-UE; itenni t-tħassib serju li esprima fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-Aġenzija tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Uniti, ta' korpi ta' sorveljanza fid-diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq il-privatezza taċ-ċittadini tal-UE[4]; iqis li s-sorveljanza tal-massa tippreżenta sfida serja għall-prinċipji tal-Unjoni dwar demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u jinsisti dwar l-organizzazzjoni ta' sorveljanza u sigurtà xierqa u effettiva parlamentari u ġudizzjarja fil-livell tal-UE u dik nazzjonali; iqis essenzjali li jitwettqu aktar kontrolli u bilanċi, partikolarment bl-adozzjoni tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, li għandu jiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali; iqis li għandha tittieħed azzjoni fir-rigward tas-sorveljanza li thedded is-sigurtà interna tal-UE;

24. Iqis li proċess xieraq ta' responsabbiltà huwa ta' importanza kruċjali għall-protezzjoni u l-promozzjoni effettivi tad-drittijiet tal-bniedem u sabiex jiġu żgurati politiki ta' sigurtà leġittimi u effettivi bbażati fuq l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu ta' responsabbiltà bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri li jipprevjeni, jinvestiga u jikkoreġi l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE, prinċipalment dak imwettaq fil-kuntest tal-allegat trasportazzjoni u detenzjoni illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA;

25. Jenfasizza li l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, stabbilita bl-Artikolu 6, paragrafu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tkompli ssaħħaħ aktar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, kif garantit bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

[1] ĠU L 315 14.11.2012, p. 57.
[2] ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2..
[3] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
[4] Testi adottati, P7_TA(2013)0322.

26. Jinnota li l-adeżjoni fil-Konvenzjoni tiżgura liċ-ċittadini kif ukoll lil persuni oħra li l-Unjoni għandha responsabbiltà lejhom, f'dak li jikkonċerna l-azzjoni tal-Unjoni, protezzjoni simili għal dik li jibbenefikaw minnha diġà fil-kuntest tal-azzjoni ta' kull wieħed mill-Istati Membri; ifakkar li dan huwa ferm iktar rilevanti minħabba li l-Istati Membri trasferew fl-Unjoni kompetenzi importanti, b'mod partikolari fl-oqsma ta' politika ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

27. Jilqa' l-abbozz ta' ftehim li ntlaħaq mis-47 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u l-UE dwar l-adeżjoni ta' din tal-aħħar mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jistenna l-opinjoni pożittiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) dwar it-test miftiehem; jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill jirratifikaw il-ftehim mingħajr telf ta' żmien hekk kif tingħata s-sentenza definittiva mill-Qorti tal-Ġustizzja;

28. Jilqa' l-fatt li l-adeżjoni fil-Konvenzjoni se tikkostitwixxi element prezzjuż għaċ-ċittadini, kif ukoll għal persuni oħra li l-Unjoni għandha responsabbiltà lejhom, ta' protezzjoni addizzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jenfasizza l-iskadenza twila żżejjed għall-konklużjoni tan-negozjati għall-adeżjoni u jiddeplora l-fatt li l-UE għadha ma aderitx b'mod effettiv mal-Konvenzjoni; ifakkar li l-adeżjoni tal-UE tiddependi fuq ir-ratifikazzjoni mhux biss mill-Istati Membri tagħha, imma wkoll mill-Istati Partijiet oħra għall-konvenzjoni; jistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jipproċedu bir-ratifika mill-iktar fis possibbli;

29. Jikkundanna bil-qawwi l-imblukkar u d-dewmien li ħabbtet wiċċha magħhom l-UE fin-negozjati ta' adeżjoni mal-Konvenazjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri sabiex iħaffu l-proċeduri għall-adeżjoni tal-UE mal-KEDB u sabiex jirrifjutaw kwalunkwe tentattiv futur ieħor li jiġu mminati r-rwol, il-kompetenzi u s-setgħat tal-KEDB rigward id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini u r-residenti;

30. Jitlob għal reviżjoni tar-Regolament dwar l-Aċċess għad-Dokumenti[1] li se jkun adottat abbażi tal-proposti tal-Parlament;

31. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strumenti speċifiċi bbażati fuq it-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sabiex jiġu skambjati l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-livell Ewropew;

32. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni tal-ġeneri fl-istrateġiji kollha ta' integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, immigranti, popolazzjoni tar-Rom u minoranzi oħra, u persuni esklużi;

*Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali*

33. Jinnota li l-Programm ta' Stokkolma jimmira biex jiffaċilita l-moviment ħieles taċ-ċittadini tal-UE billi jiddefendi u jirrispetta d-drittijiet u l-obbligi kollha li ġejjin minn żona Ewropea ta' ġustizzja u li l-kooperazzjoni ġudizzjarja tirrappreżenta l-għodda ewlenija biex jinkiseb dan l-objettiv;

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

34. Jirrikonoxxi li l-inizjattivi fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku ta' sitwazzjonijiet legali, sentenzi u dokumenti għandhom rwol importanti ħafna f'dan ir-rigward, peress li r-rikonoxximent reċiproku jħalli s-sistemi legali tal-Istati Membri mhux mibdula, iżda jnaqqas piżijiet finanzjarji u burokratiċi addizzjonali u ostakli ġuridiċi għaċ-ċittadini, il-familji u n-negozji li jeżerċitaw il-libertajiet mogħtija lilhom mit-Trattat filwaqt li jirrispettaw ukoll l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

35. Ifakkar li l-Programm ta' Stokkolma jinkludi għadd ta' inizjattivi ewlenin fil-qasam tad-dritt ċivili, inkluż ir-rikonoxximent iżjed faċli tas-sentenzi, il-validità mal-Unjoni kollha tat-testmenti, proċeduri iktar faċli għall-aċċettazzjoni ta' dokumenti pubbliċi, l-infurzar transkonfinali iktar sempliċi tad-djun u inizjattivi tal-Unjoni fil-qasam tat-taħriġ legali;

36. Jinnota li tliet partijiet ta' leġiżlazzjoni biss f'dan il-qasam ġew adottati sa issa, prinċipalment il-Brussell I (Riformulazzjoni)[1], ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni[2] u r-Regolament Roma III[3], li minnhom it-tielet wieħed biss huwa applikabbli llum, u li, għalkemm il-Kummissjoni għamlet għadd sinifikanti ta' proposti mressqa fil-Programm ta' Stokkolma, bosta proposti ewlenin għadhom pendenti, inkluż dawk relatati mar-rikonoxximent reċiproku tal-effetti tad-dokumenti dwar l-istat ċivili u l-14-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji;

37. Jikkunsidra li r-rikonoxximent reċiproku jesiġi li ċ-ċittadini u l-professjonisti legali jkollhom fiduċja fl-istituzzjonijiet ġuridiċi ta' xulxin; jinnota li t-tisħiħ ta' kultura legali tassew Ewropea li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-indipendenza ġudizzjarja, l-istabbiliment ta' standards komuni u l-fehim ta' sistemi legali oħra b'mod partikolari permezz ta' taħriġ għandu rwol importanti ħafna fit-tisħiħ tar-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja; jirrimarka li r-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja jistgħu jwasslu għal bdil gradwali fit-tradizzjonijiet nazzjonali tad-dritt ċivili permezz ta' skambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri; iqis li dan l-iskambju m'għandux inaqqas mill-valur tat-tradizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali;

38. Jinnota li l-inizzjattivi leġiżlattivi fil-qasam tad-dritt ċivili sa issa ffukaw l-aktar fuq il-liġi sostantiva; jitlob sabiex fil-futur tingħata aktar attenzjoni fuq il-liġi proċedurali;

39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem b'mod effettiv lejn l-istabbiliment ta' Konvenzjoni dwar is-Sentenzi Internazzjonali li ssegwi għanijiet simili għar-Regolament Brussell I;

40. Jilqa' l-proposta għal Direttiva dwar it-tqarrib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża[4]; jenfasizza l-ħtieġa li jkun miġġieled il-fenomenu persistenti tas-'saqaf tal-ħġieġ' li jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-iżvilupp tal-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU L 351, 20.12.12, p. 1.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107.
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali, ĠU L 343, 29.12.2010, p. 10.
[4] COM(2012)0614

karrieri tan-nisa;

41. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu ta' ċittadini u negozji billi jkun simplifikat ir-rikonoxximent ta' ċerti dokumenti pubbliċi, u b'hekk jiġu eliminati l-burokrazija u d-distakk eżistenti bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE u ċ-ċittadini;

42. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, bi qbil mal-impenji preċedenti tagħha u wara talbiet repetuti mill-Parlament, tfittex li timplimenta pjanijiet eżistenti għat-twettiq ta' proposta – li tadotta approċċ kumplessiv – għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-effetti tad-dokumenti tal-istat ċivili fl-UE, sabiex ikunu eliminati l-ostakoli diskriminatorji ġuridiċi u amministrattivi għaċ-ċittadini, kemm nisa kif ukoll irġiel, u l-familji tagħhom li jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, u sabiex iċ-ċittadini u r-residenti Ewropej u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jittrasferixxu fl-Unjoni Ewropea kollha d-drittijiet eżistenti marbuta mal-istati ċivili diġà rikonoxxuti legalment f'bosta ġurisdizzjonijiet Ewropej;

43. Itenni t-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' Kodiċi Ewropew tad-Dritt Internazzjonali Privat;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-programm e-Justice sabiex iċ-ċittadini jista' jkollhom aċċess elettroniku dirett għall-informazzjoni legali u l-ġustizzja legali;

45. Jirrikonoxxi l-progress li sar sa issa bil-pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u imputati fil-proċedimenti kriminali, inkluż l-adozzjoni ta' direttivi dwar id-dritt għal interpretu u għal traduzzjoni[1] u dwar id-dritt għal informazzjoni fil-proċedimenti kriminali[2], u dwar id-dritt għal aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali[3]; jitlob traspożizzjoni fil-ħin u korretta tagħhom, u taħriġ għall-uffiċjali tal-gvern, imħallfin, prosekuturi u professjonisti tad-difiża legali; itenni li dawn il-miżuri huma ta' importanza kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew, u li l-progress kontinwu tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni suspettati u l-konvenuti huwa essenzjali; jieħu nota tal-proposti dwar l-għajnuna legali, il-preżunzjoni tal-innoċenza u ta' salvagwardji għat-tfal; jemmen bis-sħiħ li l-għajnuna legali b'mod partikolari għandha tiġi ggarantita b'mod effettiv sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar id-dritt għal aċċess għal avukat; jitlob biex issir diskussjoni dwar il-protezzjoni tax-xhieda u tal-informaturi; jitlob it-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u imputati fil-proċedimenti kriminali bħala prijorità għall-programm ta' wara Stokkolma u jfakkar li l-pjan direzzjonali mhux eżawrjenti;

---

[1] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1

[2] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1.

[3] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1.

46. Jiddispjaċih li għad fadal aktar xogħol pendenti rigward id-detenzjoni ta' qabel il-proċess, id-detenzjoni amministrattiva u d-detenzjoni tal-minorenni li, fir-rigward ta' dawn, l-istandards f'bosta Stati Membri ma jissodisfawx l-istandards dwar id-drittijiet tal-bniedem u standards internazzjonali oħra; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-effikaċja tax-xogħol mhux leġiżlattiv fuq Deċiżjonijiet Qafas eżistenti, ir-rikonoxximent mifrux tal-problemi fir-rigward tal-liġi dwar id-detenzjoni u l-prattika ta' qabel il-proċess fl-Ewropa identifikati fl-ambitu tal-konsultazzjoni tal-Kummissjoni, u l-impenn biex jiġi rivedut il-każ dwar it-twaqqif ta' standards minimi u infurzabbli stabbiliti rigward id-detenzjoni ta' qabel il-proċess permezz ta' azzjoni leġiżlattiva; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-każ dwar it-twaqqif ta' tali standards rigward id-detenzjoni ta' qabel il-proċess, id-detenzjoni amministrattiva u d-detenzjoni tal-minorenni permezz ta' azzjoni leġiżlattiva;

47. Jemmen bis-sħiħ li konsistenza fil-prinċipji applikati fl-iżvilupp tal-qasam tal-ġustizzja kriminali tal-UE għandha tkun prijorità u li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkooperaw mill-viċin ma' xulxin f'dan ir-rigward, kif spjegat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-approċċ tal-UE rigward id-dritt kriminali[1];

48. Jemmen li l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri trid tiġi msaħħa bl-armonizzazzjoni tal-konformità mad-drittijiet fundamentali rigward il-proċeduri kriminali, bit-teħid ta' miżuri komuni sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja u tal-ħabsijiet, li ta' spiss huma l-oriġini tan-nuqqas ta' fiduċja bejn l-Istati Membri, u li r-rikonoxximent reċiproku u l-armonizzazzjoni tal-liġi kriminali tal-UE ma tistax tkompli mingħajr rispons serju dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-Istati Membri;

49. Jilqa l-Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (COM (2013)0534); jemmen bis-sħiħ li t-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jirrappreżenta pass importanti biex tkompli tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; hu tal-fehma li, jekk l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikun ta' suċċess, il-Kunsill għandu, fil-futur, iqis li jagħmel użu mill-Artikolu 86(4) tat-TFUE biex jestendi s-setgħat ta' dak l-uffiċċju sabiex jinkludi reati serji li jkollhom dimensjoni transkonfinali; jilqa' wkoll il-proposta għal regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) (COM(2013)0535);

50. Jemmen li sforzi akbar huma meħtieġa biex ikun implimentat il-prinċipju tal-għarfien reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fis-settur tal-infurzar tas-sentenzi kriminali;

51. Jemmen li sistema tal-ġustizzja effettiva, aċċessibbli, ġusta u konformi mad-drittijiet fundamentali hi mutur b'saħħtu għad-demokrazija, il-fiduċja u l-benesseri taċ-ċittadini u għal ekonomija prospera;

52. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jippromwovu l-appoġġ universali u l-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), bħala mezz essenzjali biex tiġi żgurata l-ġustizzja għall-vittmi tal-kriminalità taħt il-liġi internazzjonali u biex jiġi promoss ir-rispett għal-liġi umanitarja internazzjonali u tad-

[1] ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 7.

drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jikkonkludu ftehimiet qafas mal-Qorti Kriminali Internazzjonali, b'mod partikolari dwar ir-rilokazzjoni tax-xhieda, il-libertà provviżorja, ir-rilokazzjoni tal-persuni illiberati minn akkuża, u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, bħala Stati Kontraenti tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, jiżguraw li l-Qorti Kriminali Internazzjonali jkollha r-riżorsi neċessarji biex tissodisfa l-mandat tagħha u toffri ġustizzja b'mod riżoluttiv, ġust u trasparenti;

53. Jinsisti fuq in-neċessità ta' taħriġ xieraq lill-uffiċjali (il-pulizija, is-servizzi sanitarji, il-persunal tal-qorti, eċċ.) li jistgħu jidħlu f'kuntatt ma' każijiet li fihom ikun ikkunsidrat li l-integrità fiżika, psikoloġika u sesswali ta' persuna tinsab fil-periklu, partikolarment każijiet li jinvolvu nisa vittmi tal-vjolenza sessista; jitlob lill-Istati Membri jappoġġaw ix-xogħol tas-soċjetà ċivili – partikolarment l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tan-nisa u organizzazzjonijiet oħra ta' volontarji li jagħtu appoġġ speċjalizzat – u li jikkollaboraw magħhom, bl-għoti ta' għajnuna lin-nisa vittmi tal-vjolenza sessista;

54. Jitlob lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika u lill-Kummissjoni sabiex minnufih din tipproponi linji gwida għal negozjati għall-adeżjoni tal-UE ma' dik il-Konvenzjoni;

***Is-sigurtà interna***

55. Jinnota l-progress li sar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kuntest tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna (ISS) u taċ-ċiklu tal-politika tal-UE dwar il-kriminalità organizzata fuq skala internazzjonali, speċjalment fl-oqsma li ġejjin; il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata transnazzjonali (inklużi r-reati ekonomiċi), iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika bħall-pornografija tat-tfal; il-ħarsien tal-infrastruttura kritika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni vjolenti u l-kummerċ tal-armi tan-nar illegali; jinnota, madankollu, li jeħtieġ li jkun hemm aktar progress f' dawn l-oqsma kollha;

56. Jenfasizza li t-traffikar tal-bnedmin hu reat gravi ħafna li jolqot b'mod speċjali lin-nisa, u li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana li ma jistax ikun ittollerat mill-Unjoni; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-għadd ta' persuni li qed ikunu ttraffikati minn u lejn l-UE kulma jmur qed jikber, minkejja d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Kontra t-Traffikar f'Diċembru tal-2011; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-isforzi tagħhom biex irażżnu din it-tendenza inkwetanti billi jiżguraw li jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija Ewropea komuni, koordinata u ambizzjuża, flimkien ma' leġiżlazzjonijiet u miżuri fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin u n-networks kriminali internazzjonali u organizzati, skont it-termini tad-direttiva u mmirati partikolarment lejn in-nisa u l-minorenni; jenfasizza li l-azzjoni meħuda fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, ix-xogħol furzat, l-immigrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu jeħtieġ tikkonċentra fuq il-kawżi tal-oriġini tal-problema;

57. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-pjan ta' azzjoni tal-UE 2010-2013 għat-tisħiħ tas-sigurtà kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN) (COM(2009)0273) ma ġiex implimentat bis-sħiħ jew inkorporat fil-leġiżlazjoni nazzjonali mill-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-UE u l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni

fil-livell reġjonali u f'dak Ewropew fil-qasam tas-CBRN u, f'dan ir-rigward, jistieden ukoll lill-Kunsill jiżgura l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu;

58. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ u żżid l-isforzi tagħha sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tlesti r-riforma li ġiet posposta tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u tintegra bis-sħiħ il-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet tal-persuni suspettati abbażi ta' definizzjonijiet kriminali xierqa;

59. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq rigward il-proposta għal direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (COM(2012)0085); ifakkar li l-konfiska tal-assi kriminali hija waħda mill-għodod l-aktar effettivi fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet kriminali;

60. Jemmen bis-sħiħ li jeħtieġ li l-politika kontra t-terroriżmu tal-UE tindirizza r-radikalizzazzjoni ta' gruppi/individwi fis-soċjetajiet Ewropej u t-tendenza ċara lejn l-individwalizzazzjoni tal-attivitajiet terroristiċi fis-soċjetajiet tagħna; jitlob koordinazzjoni aħjar tas-servizzi kollha tal-UE li għandhom responsabbiltajiet fl-implimentazzjoni tal-politiki kontra t-terroriżmu tal-UE, prinċipalment il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-Europol, il-Kumitat Permanenti tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Esterni) (COTER) u l-Eurojust;

61. Jiddispjaċih li t-tieni komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2013 bl-isem 'It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE', ftit tikkritika l-attivitajiet li twettqu fil-qafas tal-ISS, filwaqt li tafferma mill-ġdid l-istess prijoritajiet bħal dawk tal-komunikazzjoni inizjali tagħha ta' Novembru 2010 u tonqos, b'mod partikolari, milli tikkunsidra l-konsegwenzi tal-inkorporazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li l-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw mhux biss għaċ-ċittadini tal-UE iżda wkoll għal kull persuna li tkun fit-territorju tal-UE;

62. Ifakkar li l-Parlament issa huwa attur istituzzjonali sħiħ fil-qasam tal-politiki tas-sigurtà u, għaldaqstant, huwa intitolat li jieħu sehem b'mod attiv fid-determinazzjoni tal-karatteristiċi u l-prijoritajiet tal-ISS u fil-valutazzjoni ta' dawk l-istrumenti, inkluż permezz ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ISS, li għandhom isiru b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u l-Kunsill, skont l-Artikoli 70 u 71 tat-TFUE; jemmen li l-Parlament għandu jaqdi rwol kruċjali fil-valutazzjoni u d-definizzjoni tal-politiki ta' sigurtà interna, minħabba li dawn għandhom impatt profond fuq id-drittijiet fundamentali ta' dawk kollha li jgħixu fl-UE; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkun żgurat li dawn il-politiki jaqgħu taħt il-mandat tal-unika istituzzjoni Ewropea li tiġi eletta direttament, li hija responsabbli mill-iskrutinju u s-superviżjoni demokratika;

63. Jemmen li kundizzjonijiet essenzjali għall-ISS huma l-evalwazzjoni xierqa tal-implimentazzjoni, l-effetti u r-riżultati konkreti tal-politiki u l-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna, l-analiżi tat-theddid għas-sigurtà li jrid jiġi indirizzat, il-konsiderazzjoni tal-prinċipji tal-proporzjonalità u tal-ħtieġa u d-dibattitu demokratiku;

64. Jinnota li l-ISS attwali se tiġi fi tmiemha fl-2014; jistieden lill-Kummissjoni tibda tħejji ISS ġdida għall-perjodu mill-2015 sal-2019, li tikkunsidra d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta'

Lisbona u l-integrazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fid-dritt tal-Unjoni; jistieden lill-Kunsill, qabel ma jadotta strateġija ġdida, iqis b'mod xieraq il-kontribut tal-Parlament għal ISS ġdida; jieħu nota tal-analiżijiet tal-Europol, inklużi l-analiżi tar-riskju, f'dan ir-rigward;

65. Jirrikonoxxi li l-kriminalità transkonfinali qed tiżdied fl-UE u għalhekk jenfasizza l-importanza li jkun hemm finanzjament suffiċjenti għal aġenziji li jaħdmu fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi; jemmen li 'x-xenarju' attwali tal-istrumenti, il-mezzi u l-għodod differenti għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi Ewropea huwa kkumplikat u mifrux, filwaqt li jwassal għall-użu ineffiċjenti tal-istrumenti disponibbli u għal superviżjoni demokratika u responsabbiltà inadegwati fil-livell tal-UE; jitlob viżjoni li tkun orjentata lejn il-futur dwar kif tista' tiġi żviluppata u mtejba b'mod ottimali l-kondiviżjoni tad-data tal-infurzar tal-liġi fl-UE, filwaqt li jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali, inkluż livell robust ta' protezzjoni tad-data; jinnota li huwa neċessarju li tiġi msaħħa l-fiduċja reċiproka tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġi msaħħaħ l-iskambju tal-informazzjoni;

66. Jirrifjuta l-idea li ssir ħidma ta' pulizija bħala previżjoni mingħajr suspett inizjali, b'mod partikolari l-proposta tal-UE ta' reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri u l-idea ta' sistema tal-UE ta' traċċar ta' finanzjament tat-terroriżmu; jistieden lill-Kummissjoni tirrifjuta d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data[1];

67. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jwaqqfu ċentri ta' għajnuna f'żoni magħrufa għall-prostituzzjoni sabiex jipprovdu lill-vittmi b'għajnuna psikoloġika u fiżika immedjata;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq malajr proposti sabiex l-istrumenti ta' koperazzjoni transkonfinali tal-pulizija adottati skont dak li kien it-tielet pilastru – bħalma huma d-Deċiżjoni Prüm u l-Inizjattiva Svediża – jitqiegħdu taħt il-qafas legali tat-Trattat ta' Lisbona;

69. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid tal-Europol, imsejjes fuq il-bażi legali ġdida prevista fit-Trattat ta' Lisbona, u jispera li dan il-fajl leġiżlattiv importanti javvanza b'mod rapidu, b'konformità sħiħa mal-prinċipji tat-Trattat, sabiex il-Europol ikun jista' jissodisfa r-rwol tiegħu b'mod aktar effettiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali;

70. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Unjoni Ewropea għadha mhijiex mgħammra sew biex tipprevjeni jew tirrispondi għad-diżastri naturali jew dawk li ġejjin mill-bniedem;

***Il-fruntieri u l-viżi***

71. Jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Pakkett ta' Governanza ta' Schengen; jistieden

[1] Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

lill-Kummissjoni twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha bħala koordinatriċi tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u bħala kustodja tat-Trattati, sabiex tevita kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tipperikola l-funzjonament taż-żona Schengen; ifakkar li ż-żona Schengen tiddependi fuq fiduċja reċiproka u li kull Stat Membru jissodisfa l-obbligi tiegħu, inkluż il-kontroll tal-fruntieri esterni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jinkludu wkoll l-użu tat-teknoloġiji disponibbli; jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra t-traffikar u l-kuntrabandu fil-fruntieri, b'mod partikolari t-traffikar tal-migranti; itenni l-pożizzjoni tiegħu li ż-żona Schengen, bla iktar dewmien, għandha titkabbar biex tinkludi r-Rumanija u l-Bulgarija;

72. Jikkunsidra l-assenza tal-kontrolli fil-fruntieri interni bħala waħda mill-ikbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-assenza tal-kontrolli fil-fruntieri interni u jirrifjuta bis-sħiħ t-tentattivi kollha biex jiġi limitat il-moviment ħieles tal-persuni li mhumiex konformi mal-acquis;

73. Jirrikonoxxi li ż-żona Schengen hija żona unika u li sa issa ġiet żviluppata pass pass; huwa tal-fehma, madankollu, li jeħtieġ li ssir riflessjoni fit-tul dwar l-iżvilupp ulterjuri tagħha; jemmen li l-fruntieri esterni ta' Schengen fil-futur għandhom ikunu mgħassa bl-appoġġ tal-gwardja tal-fruntieri Ewropej li t-taħriġ tagħhom ikun jinkludi l-istandards dwar id-drittijiet tal-bniedem;

74. Jilqa' r-riforma tal-mandat tal-FRONTEX u l-ftehim dwar l-Eurosur; jikkunsidra li jeħtieġ li jsir ftehim mill-aktar fis possibbli rigward ir-regoli l-ġodda dwar is-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar, u li għandha tingħata prijorità biex tiġi salvata l-ħajja tal-migranti kif ukoll biex jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u tal-persuni li jfittxu asil, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement u d-drittijiet tat-tfal u tal-vittmi tat-traffikar; ifakkar li l-liġi internazzjonali, l-acquis u, b'mod partikolari, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jiġu osservati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fil-kuntest ta' interventi fl-ibħra internazzjonali jew meta joħorġu regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-Unjoni;

75. Jesprimi dieqa profonda u dispjaċir dwar it-telf traġiku tal-ħajja fil-fruntieri tal-UE, partikolarment fil-Baħar Mediterran; itenni l-opinjoni tiegħu li l-avvenimenti barra Lampedusa għandhom iservu biex jinbidel l-approċċ tal-UE, u li l-uniku mod biex tiġi evitata traġedja oħra huwa li jiġi adottat approċċ koordinat imsejjes fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà, sostnut minn strumenti komuni;

76. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fiċ-ċentri ta' detenzjoni, inkluż rigward ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u li tressaq inizjattivi dwar l-operazzjoni ta' tali ċentri fil-futur.

77. Jinsab allarmat dwar in-numru dejjem jiżdied ta' mwiet, b'mod partikolari fuq il-baħar, u ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-proċess ta' tentattivi tal-migranti irregolari biex jidħlu fl-UE; jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament qabel il-konklużjoni ta' kull ftehim bejn il-Frontex u pajjiż terz; jinsisti li tali ftehimiet għandhom jipprevedu salvagwardji stretti biex ikun żgurat li l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati bis-sħiħ, inkluż fir-rigward tar-ritorn, il-viġilanza konġunta, l-operazzjonijiet ta' riċerka u

ta' salvataġġ jew ta' interċettazzjoni;

78. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Frontex u tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija fit-taħriġ tal-persunal tal-infurzar tal-liġi u tal-gwardja tal-fruntieri sabiex jeżegwixxi l-applikazzjoni tal-liġi u l-infurzar ġudizzjarju Ewropew li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti;

79. Japprova bil-qawwa l-istedina tal-Kunsill Ewropew għat-tisħiħ tar-rwol tal-Frontex f'konformità mal-Programm ta' Stokkolma sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi b'mod aktar effettiv għall-flussi migratorji li qed jinbidlu;

80. Jiddispjaċih dwar il-migrazzjoni tard tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II u ż-żieda fil-kostijiet li kien hemm; jilqa' t-tnedija kontinwa tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viżi u t-twaqqif tal-aġenzija eu-LISA għall-immaniġġjar tal-ġestjoni operattiva tagħhom; jenfasizza li dawn is-sistemi l-ġodda issa jridu jgħaddu mit-test meta jintużaw kuljum; itenni t-talba tiegħu li 'strumenti tal-immaniġġjar tal-fruntieri jew sistemi li jaħżnu d-data ta' skala kbira ġodda m'għandhomx jiġu mnedija sakemm l-għodod eżistenti jkunu meħtieġa, jiffunzjonaw kompletament, sikuri u affidabbli'; jesprimi tħassib profond dwar il-piraterija li ġiet rappurtata fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jemmen li għandha tkun diskussa l-kwistjoni ta' attivitajiet ta' esternalizzazzjoni relatata mal-immaniġġjar u l-operazzjoni ta' sistemi tal-IT Ewropej fuq skala kbira; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta fil-ħin l-evalwazzjonijiet ta' dawn is-sistemi previsti fl-istrumenti legali rispettivi; jiddeplora n-nuqqas ta' progress rigward l-użu ta' dokumenti ta' oriġini sikura;

81. Jilqa' l-progress li sar fil-qasam tal-acquis tal-visa, iżda jitlob implimentazzjoni aħjar tar-regoli attwali; jikkunsidra li ċentri komuni tal-applikazzjoni tal-viżi rriżultaw li huma għodda utli li jistgħu jsiru standard fil-futur; jemmen li diskussjoni interistituzzjonali dwar l-objettivi tal-politika komuni dwar il-viża għandha tiddefinixxi l-passi li għandhom jittieħdu lejn aktar armonizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża, inkluż regoli komuni dwar il-ħruġ ta' viżi; isejjaħ għal konklużjoni ta' ftehimiet ulterjuri ta' faċilitazzjoni tal-viżi u għall-monitoraġġ u t-titjib ta' dawk attwali;

82. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet attwali tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen biex ikun permess il-ħruġ ta' viżi umanitarji, u biex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' kenn temporanju għal difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu f'riskju f'pajjiżi terzi;

83. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jżidu l-mobilità tal-ħaddiema billi jippermettu viżi temporanji u jiffaċilitaw il-proċess ta' applikazzjoni mill-ġdid għal dawk diġà fis-sistema; iqis li dan jista' jżid il-mobilità tal-ħaddiema b'mod effettiv billi jiggarantixxi ċertezza tad-dritt u jżid il-mobilità interna fi ħdan l-UE;

84. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-ftehimiet eżistenti għall-faċilitazzjoni tal-viżi bejn l-Unjoni u l-ġirien tal-Lvant tagħha u li taħdem sabiex tinħoloq żona ta' vvjaġġar mingħajr viżi li tippermetti l-kuntatt bejn il-persuni;

*L-asil u l-migrazzjoni*

85. Ifakkar li fil-Programm ta' Stokkolma l-Kunsill Ewropew enfasizza 'li l-migrazzjoni

immaniġġjata sewwa tista’ tkun ta’ benefiċċju għall-partijiet interessati kollha’; jistenna li jkompli jkun hemm progress fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni legali u jitlob li fil-futur isiru aktar sforzi minħabba l-isfidi demografiċi u l-ħtiġijiet tal-ekonomija; fl-istess ħin jemmen li l-integrazzjoni tal-migranti jeħtiġilha aktar attenzjoni;

86. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet tal-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost il-pubbliku b'mod ġenerali u fost dawk li jipprovdu l-impjiegi permezz tal-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Karta Blu u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tagħha kif previst fid-direttiva;

87. Jitlob b’urġenza għal iktar trasparenza, u jeżiġi li kull Stat Membru jirrapporta kull sena dwar il-progress ta’ kull grupp ta’ minoranza speċifiku fil-kwistjonijiet dwar l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-impatti tal-politika dwar l-ugwaljanza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tifformula “rapport annwali dwar it-tendenzi” li jirrifletti l-indikaturi komparabbli tal-koeżjoni soċjali li dwarhom intlaħaq ftehim u li ġew proposti bħala miri, inkluż monitoraġġ mal-UE kollha tas-sitwazzjoni ta’ persuni li għadhom jaslu, residenti fit-tul, migranti naturalizzati u t-tfal tal-migranti, analizzati skont raġunijiet ta’ ugwaljanza (jiġifieri etniċi/razzjali, reliġjon/twemmin, sess, età, orjentazzjoni sesswali u diżabbiltà), sabiex jitkejjel il-progress fil-politiki ta’ inklużjoni soċjali tul iż-żmien; jikkunsidra li għal dan il-fini, għandu jkun applikat il-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni;

88. Jirrikonoxxi li t-tibdil u t-taqlib reċenti fl-Afrika ta’ Fuq u l-Lvant Nofsani intensifikaw il-pressjoni fil-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE;

89. Jilqa’ l-adozzjoni tal-pakkett dwar l-asil; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni korretta tal-pakkett mill-Istati Membri sa mid-data tal-applikazzjoni u tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun konformi mal-ġurisprudenza; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) jinkludi din il-leġiżlazzjoni l-ġdida fil-programmi ta' taħriġ tiegħu;

90. Jitlob li jiġi stabbilit punt fokali tal-ġeneru fl-EASO;

91. Jiddispjaċih dwar il-prattika kontinwa u sistematika tad-detenzjoni tal-migranti f’ċentri ta’ detenzjoni kif ġie enfasizzat reċentement mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; jitlob li jkomplu jiġu żviluppati u implimentati alternattivi għad-detenzjoni, inkluż ir-regolarizzazzjoni tal-migranti mingħajr dokumenti abbażi ta’ kriterji ċari;

92. Jemmen li, fil-kuntest tas-sistema ta’ Dublin, fil-futur għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġu sospiżi t-trasferimenti lejn l-Istati Membri taħt pressjoni sinifikanti;

93. Jiddeplora ħafna r-realtà tan-nuqqas ta' twettiq tal-prinċipji tas-solidarjetà u tal-qsim ġust tar-responsabbiltà, kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE; jemmen li fil-futur se jkunu meħtieġa miżuri aktar inċisivi u konkreti, b'mod partikolari għall-Istati Membri li jirċievu numri akbar ta' migranti u ta' applikazzjonijiet għal asil; jitlob l-introduzzjoni ta’ skema ta’ rilokazzjoni intra-UE permanenti li tkun koerenti u volontarja għall-benefiċjarji tal-ħarsien internazzjonali;

94. Jemmen li għandha tkun estiża d-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-asil fir-rigward tar-risistemazzjoni u tal-proċeduri ta’ dħul protett; jiddispjaċih rigward l-involviment

limitat li kien hemm sa issa tal-Istati Membri fir-risistemazzjoni;

95. Jesprimi tħassib kbir dwar id-destin ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) u persuni li ma jappartjenu għall-ebda stat li jerġgħu jiddaħħlu taħt ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE (EURAs), inklużi każijiet ta' detenzjoni indefinita, inċertezza ġuridika jew refoulement lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom, u jitlob l-esklużjoni tal-klawsoli TCN minn dawn il-ftehimiet; jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni;

*Id-dimensjoni esterna taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja*

96. Jinnota l-importanza ta' tisħiħ fid-dimensjoni esterna tal-politiki Ewropej fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-livelli kollha fl-oqsma tas-sigurtà, il-migrazzjoni, id-drittijiet fundamentali u l-ġestjoni tal-fruntieri;

97. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jkomplu jintegraw l-immigrazzjoni mal-kooperazzjoni u l-iżvilupp, jintensifikaw il-ftehimiet ta' sħubija tagħhom bil-għan li jippromwovu l-kollaborazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' transitu dwar l-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin u l-immigrazzjoni irregolari, ir-restorazzjoni tar-rabtiet familjari, ir-ritorn u r-riammissjoni, fil-kuntest ta' djalogi regolari li l-Unjoni Ewropea jkollha ma' dawn il-pajjiżi kif ukoll tal-azzjoni li ttieħdet mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE); jappella għal solidarjetà ma' pajjiżi terzi li jinsabu ħdejn pajjiżi li jesperjenzaw kunflitt ċivili li jaċċettaw rifuġjati li qed jaħarbu minn dan il-kunflitt;

98. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu nkoraġġiti l-politiki ta' ritorn volontarju;

99. Jenfasizza li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jpoġġi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fiċ-ċentru kemm tal-politiki interni kif ukoll dawk esterni tal-UE, kif previst mill-Artikoli 2, 3 u 21 tat-TUE, u konsegwentement jemmen li r-rispett għal dawn il-valuri u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom għandhom jiġu żviluppati b'mod koerenti sabiex l-UE tkun kredibbli fil-livell dinji; iqis b'dispjaċir ir-rifjut kontinwu min-naħa tal-Kummissjoni li tfassal Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex jiġu promossi l-valuri tal-UE fid-dimensjoni esterna tal-politiki dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, kif intalab fil-Programm ta' Stokkolma;

100. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u s-SEAE jieħdu passi prattiċi biex jiżguraw aktar koerenza u konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE;

101. Jemmen bis-sħiħ li l-UE u l-Istati Membri tagħha m'għandhomx jiffirmaw ftehimiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fejn jeżisti riskju serju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u fejn l-istat tad-dritt mhuwiex rispettat; jenfasizza li kull ftehim f'dan il-qasam għandu jiġi konkluż wara li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u għandha tiġi inkluża klawsola ta' sospensjoni rigward id-drittijiet tal-bniedem;

102. Jesprimi tħassib dwar it-talbiet dejjem jiżdiedu imposti fuq pajjiżi tal-viċinat b'rabta mal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-politiki dwar il-ġestjoni tal-fruntieri; jappella għal

approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE, b'mod li jagħti dejjem l-ewwel prijorità lid-drittijiet ta' migranti regolari u irregolari u gruppi vulnerabbli oħra; ifakkar fl-applikazzjoni extraterritorjali tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, kif ġie deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

103. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aħjar bejn id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sottokumitati dwar "ġustizzja, libertà u sigurtà' li ġew stabbiliti fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, partikolarment il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u, b'mod aktar ġenerali, dawk kollha affettwati mill-ftehimiet ta' riammissjoni;

104. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi azzjonijiet għall-ħarsien u l-għoti ta' għajnuna lin-nisa li jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u tal-isfruttament sesswali permezz ta'miżuri li jinkludu l-iżvilupp ta' sistemi ta' kumpens, ir-ritorn sikur, l-għajnuna għar-riintegrazzjoni fis-soċjetà tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom f'każ ta' ritorn volontarju, l-assistenza u l-għajnuna waqt ir-residenza tagħhom fl-UE u kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' oriġini għall-protezzjoni tal-familji tal-vittmi ta' traffikar u ta' sfruttament sesswali;

*Il-metodi, l-għodod u l-proċessi*

105. Jemmen li jeħtieġ li l-proċess ta' tfassil tal-politika jkollu l-ogħla standard possibbli; jikkunsidra li d-definizzjoni tal-problemi, id-diskussjoni tas-soluzzjonijiet possibbli u l-għażla bejn alternattivi possibbli għandhom isegwu ordni sekwenzjali; jinnota li fil-livell Ewropew, huwa rikjest sforz akbar ta' riċerka u li kooperazzjoni aktar mill-qrib u qsim ta' informazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej u l-Istati Membri jistgħu jtejbu l-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-politika;

106. Jiddeplora l-assenza ta' evalwazzjoni oġġettiva tal-progress lejn żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u ta' informazzjoni affidabbli dwar l-implimentazzjoni tal-acquis mill-Istati Membri;

107. Jipproponi evalwazzjoni ex-post sistematika u objettiva tal-leġiżlazzjoni u tal-implimentazzjoni tagħha, li għandha tivvaluta wkoll il-ħtieġa kontinwa għal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam; jinnota, b'mod partikolari, l-importanza tat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt mill-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għal dan il-għan, filwaqt li jinżammu l-istandards u tiġi evitata burokrazija żejda;

108. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummisjoni għal tfassil ta' Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE bl-għan li tiżgura sistema ta' ġustizzja ta' kwalità għolja fil-qasam tad-dritt ċivili, kummerċjali u amministrattiv, peress li fl-aħħar mill-aħħar, l-applikazzjoni konkreta tal-liġijiet hija f'idejn il-qrati;

109. Jenfasizza li sistemi ta' ġustizzja ta' kwalità għolja jista' jkollhom rwol ewlieni fir-restawr tal-fiduċja, billi jħeġġu t-tkabbir, u jikkontribwixxu għall-fiduċja u l-istabbiltà; jinnota li deċiżjonijiet ġudizzjarji prevedibbli, f'waqthom u infurzabbli huma komponenti strutturali importanti ta' ambjent ta' negozju attraenti, kif deskritt fil-qosor fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea 'It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, għodda għall-promozzjoni ta' ġustizzja u tkabbir effettivi' (COM(2013)0160);

110. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel aktar enfasi fuq is-sorveljanza u l-iżgurar tal-implimentazzjoni konkreta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri; jikkunsidra li din għandha tkun prijorità politika minħabba d-distakk wiesa' li spiss jiġi osservat bejn politika adottati fil-livell Ewropew u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali; jinnota li kwalunkwe ppjanar strateġiku għandu jislet mill-esperjenza tal-implimentazzjoni fil-passat u li għalhekk tali ppjanar m'għandux jikkonsisti minn lista ta' oġġettivi u prijoritajiet iżda għandu, minflok, jippjana 'l quddiem bil-għan li jivvaluta l-implimentazzjoni; jinnota li fejn ikunu kkonċernati d-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti, dan irid isir sa mill-ewwel ġurnata li fiha att jidħol fis-seħħ; jikkunsidra li jeħtieġ sforz akbar biex tinkiseb implimentazzjoni xierqa, inkluż permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji, kif ukoll ta' assistenza lill-Istati Membri permezz ta' linji gwida, ta' appoġġ prattiku u ta' skambju tal-aħjar prattika; huwa tal-fehma li għandhom ikunu identifikati u indirizzati r-raġunijiet għal kwalunkwe falliment fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jekk ikun meħtieġ permezz ta' proċeduri ta' ksur;

111. Huwa tal-opinjoni li biex titjieb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, jeħtieġ li jkun hemm sforz konġunt mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jitjieb l-iskambju tal-informazzjoni dwar kull sistema nazzjonali u biex tiġi pprovduta informazzjoni legali preċiża (dwar leġiżlazzjoni u standards applikabbli nazzjonali u reġjonali), kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-prattiki; jappella għal titjib fil-kooperazzjoni interistituzzjonali;

112. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kunsill ma jinvolvix lill-Parlament aktar mill-qrib fl-iżvilupp tad-dokumenti ta' strateġija, bħall-istrateġija dwar id-drogi u l-istrateġija ta' sigurtà interna;

113. Jikkunsidra li l-iżvilupp ta' kultura ġudizzjarja Ewropea hija prerekwiżit ewlieni biex iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ssir realtà għaċ-ċittadini u jkun żgurat applikazzjoni aħjar tad-dritt tal-UE; jitlob, f'dan il-kuntest, li jkun hemm ħafna iktar enfasi u ffinanzjar għat-taħriġ ġudizzjarju għall-professjonisti legali kollha fl-UE; jinnota l-importanza li jintuża 'approċċ minn isfel għal fuq' għall-iskemi ta' taħriġ ġudizzjarju, biex tiġi żgurata aktar aċċessibbiltà tar-riżorsi ta' informazzjoni tal-liġi Ewropea permezz tat-teknoloġija tal-internet (jiġifieri portal tal-e-justice), biex jitjieb l-għarfien tal-liġi Ewropea kif ukoll jissaħħu l-ħiliet lingwistiċi fost il-ġudikatura, biex jiġu stabbiliti u miżmuma netwerks f'dan il-qasam, u kwalunkwe miżura oħra li tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fuq bażi ta' kuljum u b'hekk jiġu żgurati fiduċja reċiproka u kooperazzjoni konsegwenti u rikonoxximent reċiproku;

***III. Il-passi li jmiss***

114. Huwa tal-fehma li huma meħtieġa konsulenza, koerenza u parametri għal żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; iqis li tali objettivi jirrikjedu pprogrammar xieraq li jiġi mħejji fl-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona f'eżerċizzju konġunt bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; jemmen li l-ipprogrammar pluriennali għandu jkun ibbażat fuq ftehim interistituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 17(1) tat-TUE; jistenna lill-Kummissjoni,

għalhekk, tippreżenta proposta fuq din il-bażi;

115. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

27.9.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-eżami ta' nofs il-perjodu tal-Programm ta’ Stokkolma
(2013/2024(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Jacob Bicep

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jieħdu passi prattiċi biex jiżguraw koerenza u konsistenza akbar bejn il-politiki esterni u interni tal-UE, skont l-impenji stabbiliti fost l-oħrajn fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma' (COM(2010)0171);

2. Jenfasizza li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jpoġġi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fiċ-ċentru kemm tal-politiki interni kif ukoll dawk esterni tal-UE, kif previst mill-Artikoli 2, 3 u 21 tat-TUE, u konsegwentement jemmen li r-rispett għal dawn il-valuri u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom għandhom jiġu żviluppati b'mod koerenti sabiex l-UE tkun kredibbli fil-livell dinji; iqis b'dispjaċir ir-rifjut kontinwu min-naħa tal-Kummissjoni li tfassal Pjan ta’ Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex jiġu promossi l-valuri tal-UE fid-dimensjoni esterna tal-politiki dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, kif intalab mill-Kunsill fil-Programm ta’ Stokkolma; jilqa’ l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-pjan ta’ azzjoni relatat, li jiffukaw fost l-oħrajn fuq il-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin, fuq il-fatt li n-nisa jgawdu mid-drittijiet tal-bniedem u fuq kwistjonijiet b'rabta mal-apolidija u d-detenzjoni arbitrarja tal-migranti f'pajjiżi terzi, iżda jinnota li l-qafas u l-pjan ta' azzjoni li takkumpanjah ma jistgħux jissostitwixxu Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Jilqa’ l-abbozz ta’ ftehim li ntlaħaq mis-47 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u l-UE

dwar l-adeżjoni ta' din tal-aħħar mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jistenna l-opinjoni pożittiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar it-test miftiehem; jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill jirratifikaw malajr il-ftehim hekk kif tingħata s-sentenza definittiva mill-Qorti tal-Ġustizzja;

4. Jemmen bis-sħiħ li l-UE u l-Istati Membri tagħha m'għandhomx jiffirmaw ftehimiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fejn jeżisti riskju serju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u fejn l-istat tad-dritt mhuwiex rispettat; jenfasizza li kull ftehim f'dan il-qasam għandu jiġi konkluż wara li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u tiġi inkluża klawsola ta' sospensjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jippermettu skrutinju pubbliku tal-politiki fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tispjega liema salvagwardji huma applikati biex ikun żgurat li l-informazzjoni pprovduta minn pajjiżi terzi skont ftehimiet Europol ma tinkisibx permezz ta' tortura jew trattament ħażin;

5. Jesprimi tħassib dwar it-talbiet dejjem jiżdiedu imposti fuq pajjiżi tal-viċinat b'rabta mal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri; jappella għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE, b'mod li d-drittijiet ta' migranti regolari u irregolari u gruppi vulnerabbli oħra jkollhom dejjem l-ewwel prijorità; ifakkar fl-applikazzjoni extraterritorjali tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, kif stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Jirrikonoxxi b'mod partikolari l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntiera tal-Greċja mat-Turkija, fejn il-bini ta' ħajt mill-awtoritajiet Griegi u r-rapporti ta' tkeċċijiet kollettivi (refoulement) u d-detenzjoni sistematika mdewma ta' rifuġjati, persuni li jfittxu asil u migranti irregolari, kif ukoll id-detenzjoni tat-tfal, qed jiksru l-liġi Ewropea u dik internazzjonali;

7. Ifakkar li l-Istati Membri jaqsmu bejniethom ir-responsabbiltà għall-fruntieri esterni tal-Unjoni; jibqa' mħasseb dwar l-avvenimenti fil-fruntieri bejn il-Greċja u t-Turkija, ta' Ċipru, Malta u l-Italja fir-rigward tal-wasla ta' migranti irregolari u jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tas-SEAE, jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali janalizzaw is-sitwazzjoni individwali ta' kull persuna li tasal fit-territorju tagħhom, abbażi tal-obbligi internazzjonali u Ewropej dwar id-drittijiet tal-bniedem u jqisu l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-forniment ta' servizzi minimi, bħall-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni adegwati għar-rifuġjati, il-persuni li jfittxu asil u l-migranti irregolari li jaslu fit-territorju tal-UE;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar x'passi qed jittieħdu biex tiġi evitata d-detenzjoni arbitrarja tal-migranti min-naħa ta' pajjiżi terzi, skont l-impenn 14(d) fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

9. Jinsab allarmat dwar in-numru dejjem jiżdied ta' mwiet, b'mod partikolari fuq il-baħar, u ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem tul it-tentattivi tal-migranti irregolari biex jidħlu fl-UE; jitlob li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament qabel il-konklużjoni ta' kull ftehim bejn il-Frontex u pajjiż terz; jinsisti li dawn il-ftehimiet għandhom jipprevedu aktar salvagwardji stretti biex ikun żgurat li l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati

bis-sħiħ, inkluż fir-rigward tar-ritorn, rondi konġunti, operazzjonijiet ta’ riċerka u salvataġġ jew ta' interċettazzjoni; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rapporti mfassla minn organizzazzjonijiet internazzjonali (il-Kunsill tal-Ewropa u n-NU), l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Ombudsman Ewropew b'rabta mal-impatt tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE fuq id-drittijiet tal-migranti u r-rispett tad-drittijiet fundamentali min-naħa tal-Frontex; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni rapida sabiex iwaqqfu l-ksur tad-drittijiet tal-migranti, li xi drabi wasslu għal imwiet, u jħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom; iħeġġeġ għalhekk lill-UE tinvestiga kull rapport ta' trattament ħażin ta' migranti, rifuġjati u ta' persuni li qed ifittxu asil fil-fruntieri tal-UE mill-Frontex, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni; jenfasizza li, speċjalment fid-dawl tal-instabilità u l-inkwiet politiku partikolari fir-reġjun tal-MENA, huwa meħtieġ li s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, is-SEAE u l-aġenziji speċjalizzati tal-UE jikkoordinaw l-isforzi tagħhom bħala parti minn approċċ olistiku immirat lejn l-Istati Membri biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-migrazzjoni irregolari, b’mod li jkun konsistenti mal-prinċipji u l-valuri Ewropej u l-isforzi tal-UE fir-reġjun u fil-viċinat tan-Nofsinhar usa’ għall-istabbilizzazzjoni u d-demokratizzazzjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni/il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni;

10. Jesprimi tħassib kbir dwar id-destin ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) u persuni apolidi li jerġgħu jiddaħħlu taħt ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE (EURAs), inklużi każijiet ta' detenzjoni indefinita, inċertezza ġuridika jew refoulement lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom, u jitlob l-esklużjoni tal-klawsoli TCN minn dawn il-ftehimiet; jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta’ ftehimiet ta’ riammissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippermetti lill-NGOs, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew jipparteċipaw f’Kumitati Konġunti ta’ Riammissjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti aċċess lill-Parlament għad-dokumenti mħejjija minn dawn il-kumitati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissospendu immedjatament l-applikazzjoni għal EURA fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

11. Jistieden lill-Kummissjoni testendi l-qasam ta' responsabbiltà tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali biex jiġu koperti l-pajjiżi kandidati kollha u l-pajjiżi tal-viċinat, billi jingħatalha rwol speċifiku fil-konsulenza tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar kif jiżguraw il-koerenza u l-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob li jiġu stabbiliti indikaturi identiċi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali għall-Istati Membri kollha;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-passi leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji għall-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza u biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' kenn temporanju għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju f'pajjiżi terzi; jappella għal evalwazzjoni tas-sħubiji eżistenti għall-mobilità, partikolarment l-interdipendenza bejn l-għajnuna għall-iżvilupp, il-migrazzjoni regolari u l-migrazzjoni irregolari kif definit fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità;

13. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Frontex u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija fit-taħriġ ta' persunal tal-infurzar tal-liġi u ta' għassiesa tal-fruntieri sabiex jitwettaq infurzar ġudizzjarju u tal-liġi Ewropew li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti;

14. Jenfasizza li r-rifjut kontinwu tal-Istati Membri li jsiru parti mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-ħarsien tal-ħaddiema migranti kollha u l-membri tal-familja tagħhom, li hija konvenzjoni internazzjonali ewlenija tad-drittijiet tal-bniedem, idgħajjef il-prinċipju fundamentali tal-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u jnaqqas il-kredibilità tal-UE meta din titratta kwistjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi;

15. Japprova bil-qawwa l-istedina tal-Kunsill Ewropew għat-tisħiħ tar-rwol tal-Frontex f’konformità mal-Programm ta’ Stokkolma sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi b’mod aktar effettiv għall-flussi migratorji li qed jinbidlu;

16. Jappella għal aktar koordinament bejn id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sottokumitati dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà stabbiliti fil-qafas ta’ ftehimiet ma’ pajjiżi terzi, partikolarment fil-pajjiżi inklużi fil-politika Ewropea dwar il-viċinat u b'mod aktar ġenerali dawk kollha li huma affettwati minn ftehimiet ta’ riammissjoni;

17. Jappella għal aktar attenzjoni min-naħa tal-UE dwar il-kwistjoni tal-apolidija f'pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' qafas konġunt bejn il-Kummissjoni u s-SEAE biex jitqajmu kwistjonijiet bħal dawn ma' pajjiżi terzi, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

18. Jilqa’ l-isforzi kontinwi tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jippromwovu l-appoġġ universali u l-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali bħala mezz essenzjali biex tiġi żgurata l-ġustizzja għall-vittmi tal-kriminalità taħt il-liġi internazzjonali u jiġi promoss ir-rispett għal-liġi umanitarja internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jikkonkludu ftehimiet qafas mal-Qorti Kriminali Internazzjonali, b’mod partikolari dwar ir-rilokazzjoni tax-xhieda, il-libertà provviżorja, ir-rilokazzjoni tal-persuni illiberati minn akkuża, u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, bħala Stati Kontraenti tal-Istatut ta’ Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, jiżguraw li l-Qorti Kriminali Internazzjonali jkollha r-riżorsi neċessarji biex tissodisfa l-mandat tagħha u toffri ġustizzja b’mod riżoluttiv, ġust u trasparenti;

19. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jqisu b’mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament u jintegrawhom fil-programm jew l-istrateġija ta’ segwitu ta’ wara Stokkolma, li għandhom jipprevedu l-ippjanar multiannwali tal-proposti u l-azzjonijiet leġiżlattivi u ta’ politika li ġejjin tal-UE relatati mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

20. Jistenna bil-ħerqa r-Rapport tal-UE kontra l-Korruzzjoni li għandu jinħareġ mill-Kummissjoni fl-2013; jittama li l-identifikazzjoni mill-Kummissjoni tal-oqsma vulnerabbli għall-korruzzjoni fl-Istati Membri tgħin biex jiġu intensifikati l-isforzi kontra l-korruzzjoni, jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki, jiġu identifikati t-tendenzi fl-UE, u jitqanqal it-tagħlim bejn il-pari u r-rispett ulterjuri tal-impenji tal-UE u dawk internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tqis inizjattivi ta’ politika tal-UE futuri fil-qasam ta’ kontra l-korruzzjoni, b’mod partikolari fil-forma ta' leġiżlazzjoni vinkolanti fuq l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li tirrifletti l-ogħla standards ta’ trasparenza u integrità, filwaqt li jitqies kif dovut l-impatt negattiv tal-attivitajiet korrotti fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-UE u f’pajjiżi terzi;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-

Ċiberkriminalità, b'mod partikolari l-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Polonja u l-Isvezja; jistieden lill-Istati Membri jittrasponu malajr fid-dritt nazzjonali tagħhom id-Direttiva 2013/40/UE tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI[1]

22. Jinsisti, filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għar-relazzjonijiet transatlantiċi fi kwistjonijiet globali u l-importanza strateġika tagħhom, li l-programmi ta' sorveljanza bħal PRISM jistgħu jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri dawk għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, u jista' jkollhom ukoll konsegwenzi fuq ir-rispett ta' drittijiet tal-bniedem oħra ta' ċittadini Ewropej u barranin, bħal-libertà tal-espressjoni; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti jipprovdu lill-UE, mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni sħiħa dwar dawk il-programmi ta' sorveljanza li jinvolvu l-ġbir tad-data, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi ġuridika, in-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom u s-salvagwardji implimentati biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi biex jinkiseb rimedju għall-ksur;

23. Jinsisti li l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom iqisu l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom fil-kuntest tan-negozjati mal-Istati Uniti; jappella għalhekk għas-sospensjoni f'waqtha tal-ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u l-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP);

24. Jesprimi tħassib kbir dwar it-traffikar tal-bnedmin li dejjem qed jiżdied, bl-użu ta' netwerks transnazzjonali u ċibernetiċi, li jirrappreżenta theddida serja għall-gruppi vulnerabbli, partikolarment in-nisa u t-tfal, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u soċjali; jenfasizza għalhekk, l-importanza ta' koordinazzjoni strateġika bejn l-objettivi u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, li tista' tappella għall-aġġornament taż-żewġ dokumenti; jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw u jadottaw pjanijiet nazzjonali biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE Lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 u taħt il-koordinazzjoni tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Traffikar;

25. Jilqa' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/99/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni[2] u tad-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[3] , li ssaħħaħ b'mod sinifikanti d-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi tal-kriminalità fi ħdan l-UE;

26. Jenfasizza t-theddida sinifikanti u kontinwa tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; jilqa' t-tisħiħ tal-ftehimiet operazzjonali bejn il-Europol u l-Eurojust, u l-arranġamenti ta' ħidma tagħhom mal-Frontex fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;

27. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li ċ-ċiberkriminalità, ir-reati sesswali fuq it-tfal u l-frodi jirrappreżentaw tendenzi dejjem jiżdiedu fil-livell globali u tal-UE u dwar id-dannu finanzjarju u psikoloġiku kbir li jikkawżaw madwar id-dinja; jilqa' l-istabbiliment taċ-

[1] ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8.
[2] ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2.
[3] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol biex tiġi indirizzata iċ-ċiberkriminalità billi tinbena kapaċità operazzjonali u analitika għall-investigazzjonijiet u l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali;

28. Jenfasizza l-importanza li l-vittmi tat-terroriżmu jingħatalhom attenzjoni, appoġġ u rikonoxximent soċjali speċjali, u jenfasizza l-ħtieġa urġenti għall-istabbiliment ta' strument leġiżlattiv speċifiku għall-vittmi tat-terroriżmu;

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.9.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 54<br>–: 11<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pino Arlacchi, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Susy De Martini, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Sabine Lösing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theocharous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Biljana Borzan, Kinga Gál, Metin Kazak, Barbara Lochbihler, Emilio Menéndez del Valle, Norbert Neuser, Doris Pack, Jean Roatta, Potito Salatto, Marietje Schaake, Alf Svensson, Ivo Vajgl, Renate Weber |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | José Manuel Fernandes, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Isabella Lövin, Antonio Masip Hidalgo, Antigoni Papadopoulou, Jarosław Leszek Wałęsa |

3.10.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali, għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-eżami ta' nofs il-perjodu tal-Programm ta' Stokkolma
(2013/2293(INI))

Rapporteur: Sirpa Pietikäinen

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi t-Trattat jistabbilixxi bħala objettivi tal-UE l-ġlieda kontra l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni soċjali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u li l-Kummissjoni għandha tassigura li l-applikazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma tirrifletti realment in-neċessitajiet taċ-ċittadini fir-rigward tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

1. Jenfasizza l-fatt li l-prinċipju ta' universalità japplika għad-drittijiet fundamentali u għat-trattament indaqs; iħeġġeġ lill-Kunsill għalhekk, sabiex jadotta l-proposta għal Direttiva Kontra d-Diskriminazzjoni[1]; jissottolinja l-fatt li n-nisa b'mod partikolari ta' sikwit huma vittmi ta' diskriminazzjoni multipla u li hu neċessarju li jkunu eżaminati l-fatturi kollha li jħallu impatt fuq il-ħajja tan-nisa ħalli jissaħħu l-jeddijiet fundamentali kollha permezz tal-adozzjoni ta' strateġiji konġunti għall-ħarsien tal-vittmi u t-taħrik kriminali ta' min iwettaq ir-reati, filwaqt li tkun promossa l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, billi tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa vulnerabbli u b'mod partikolari lin-nisa b'diżabilitajiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli u biex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti;

2. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw strumenti speċifiċi bbażati fuq it-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet sabiex jiġu skambjati prattiki tajbin fil-kamp ta' applikazzjoni Ewropew fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem b'mod effettiv lejn l-istabbiliment ta' Konvenzjoni dwar is-Sentenzi Internazzjonali, li ssegwi għanijiet simili għar-Regolament Brussell I;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu proċeduri ta' lment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni multipla, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nisa huma speċjalment fil-mira ta' dawn, tista' tippreżenta lment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; iqis xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp ta' azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati;

5. Jisħaq l-importanza li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni tal-ġeneri fl-istrateġiji kollha ta' integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, immigranti, popolazzjoni tar-Roma u minoranzi oħra, persuni esklużi;

6. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[1] , fejn tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' persuni żvantaġġjati bħan-nisa u t-tfal; jissottolinja l-vittimizzazzjoni frekwenti tagħhom mit-tipi kollha ta' vjolenza inkluża vjolenza domestika; jirrakkomanda investigazzjoni fil-fond, identifkazzjoni u prosekuzzjoni ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem gravi bħal dawn; jilqa' d-direttiva dwar l-ordni ta' protezzjoni Ewropew[2] u d-direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[3]; jitlob lill-Istati Membri sabiex jittrasponu u jimplementaw dawn id-Direttivi malajr kemm jista' jkun;

7. Jissottolinja li t-traffikar tal-bnedmin hu reat gravi ħafna li jolqot b'mod speċjali lin-nisa, u li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana li l-Unjoni ma tistax tittollera; jiddispjaċih li l-għadd ta' nies li qed ikunu ttraffikati minn u lejn l-UE qiegħed kulma jmur jikber, minkejja d-dħul fis-seħħa tminkejja d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Kontra t-Traffikar tal-UE f'Diċembru tal-2011; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-isforzi tagħhom ħalli jrażżnu din it-tendenza inkwetanti billi jiġi żgurat li jkun hemm l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' strateġija Ewropea komuni, koordinata u ambizzjuża, flimkien ma' leġiżlazzjonijiet u miżuri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u tan-netwerks kriminali internazzjonali u organizzati, u dan skont it-termini tad-direttiva, u b'mod li jimmiraw lejn in-nisa u l-minorenni b'mod partikolari; jisħaq li l-miżuri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, ix-xogħol furzat u l-immigrazzjoni irregolari jeħtieġ li jikkonċentraw fuq il-kawżi tal-oriġini tal-problema, bħalma huma l-inugwaljanzi dinjin; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri li jżommu l-impenji tagħhom tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju u li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi;

8 Jissottolinja li ġie ppruvat li s-swieq tal-prostituzzjoni li kulma jmur qed jikbru, li ġew

[1] Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI

[2] Id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni

[3] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI.

legalizzati u istituzzjonalizzati f'xi Stati Membri, kabbru t-traffikar, u għalhekk jitlob miżuri li jnaqqsu s-swieq tal-prostituzzjoni, bħat-tqegħid ta' sanzjonijiet fuq dawk li jisfruttaw, inklużi r-ruffjani u x-xerrejja tas-sess; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jiffinanzjaw aktar programmi ta' ħruġ għal persuni traffikati, b'mod partikolari għan-nisa fil-prostituzzjoni.

9. Jilqa' l-proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji kkwotati fil-boroż[1]; jissottolinja l-ħtieġa li jkun miġġieled il-fenomenu persistenti tas-saqaf tal-ħġieġ li jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għall-iżvilupp tal-karrieri tan-nisa;

10. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni, minkejja l-bosta impenji meħuda minnha, ma ħarġet l-ebda att leġiżlattiv fl-oqsma tal-vjolenza kontra n-nisa, tal-ugwaljanza fit-teħid ta' deċiżjoni politiku jew għal reviżjoni tad-Direttiva dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tniedi strateġija komprensiva kontra l-vjolenza kontra n-nisa kif imwiegħed fil-Programm ta' Azzjoni ta' Stokkolma u kif mitlub mill-Parlament f'diversi riżoluzzjonijiet; itenni l-bżonn li jitnieda strument leġiżlattiv tal-liġi kriminali mill-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu Koordinatur tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

12. Jissottolinja n-neċessità li l-uffiċjali (il-pulizija, is-servizzi sanitarji, il-persunal sanitarju, il-persunal tal-qorti, eċċ.) li jistgħu jidħlu f'kuntatt ma' każijiet li fihom jkun ikkunsidrat li l-integrità fiżika, psikoloġika u sesswali ta' persuna tinsab fil-periklu, partikolarment nisa vittmi tal-vjolenza sessista, għandhom jirċievu taħriġ xieraq; jitlob lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw ix-xogħol tas-soċjetà ċivili, partikolarment l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tan-nisa u organizzazzjonijiet oħra ta' volontarji li jagħtu appoġġ speċjalizzat, u li jikkollaboraw magħhom, bl-għoti ta' għajnuna lin-nisa vittmi tal-vjolenza sessista;

13. Jitlob lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika u lill-Kummissjoni sabiex minnufih din tipproponi linji gwida għal negozjati għall-adeżjoni tal-UE għal dik il-Konvenzjoni;

14. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni għall-ġlieda kontra l-kawżi ekonomiċi u soċjali li jrawmu vjolenza kontra n-nisa, bħan-nuqqas ta' impjieg, pagi u pensjonijiet baxxi, nuqqas ta' akkomodazzjoni, faqar u servizzi pubbliċi li ma jeżistux jew li mhumiex adegwati, b'mod partikolari s-servizzi tas-saħħa pubblika, l-edukazzjoni u s-sigurtà soċjali;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi mingħajr dewmien id-Direttiva 2006/54/KE u tipproponi emendi għaliha skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva u abbażi tal-Artikolu 157 tat-TFUE b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-anness tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012, b'mod partikolari b'riferiment għal:

– trasparenza ikbar tad-dejta dwar il-pagi;

[1] COM(2012)614

– valutazzjoni tax-xogħol u klassifikazzjoni tal-impjieg trasparenti; u

– leġiżlazzjoni msaħħa dwar is-sanzjonijiet;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw approċċ li jqis id-dimensjoni tal-ġeneru u l-integrazzjoni tal-ġeneru fit-taħriġ ġudizzjarju kollu pprovdut min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, mill-Akkademja tal-Liġi Ewropea u minn kull istituzzjoni rilevanti oħra lill-parteċipanti interessati differenti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija; jittama li jiġu previsti moduli speċifiċi dwar il-vjolenzi mwettqa bbażati fuq is-sess u prattiki tajba li jakkumpanjaw lill-vittmi;

17. Jipproponi li tiġi żviluppata kampanja ta’ sensibilizzazzjoni soċjali bil-kriterju komuni fuq livell Ewropew li tinfluwenza l-gravità tal-vjolenza sessista. L-objettiv ta’ din għandu jkun l-istimolu tas-sensibilizzazzjoni soċjali, il-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjonijiet istituzzjonali tal-istess livell ta’ dawk li jiġu prodotti mqabbla ma’ tipi oħra ta’ kriminali jew attakki bħat-terroriżmu, li minbarra d-dimensjoni individwali għandhom firxa kollettiva. hu tal-fehma li dan it-tip ta' reazzjoni soċjali kienet rilevanti ħafna biex tiddeleġittimizza tipi oħra ta’ vjolenza u għandha tiġi mmobilizzata wkoll kontra l-vjolenza sessista;

18. Jitlob jitwaqqaf punt fokali tal-ġeneru fl-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ fil-qasam tal-Ażil;

19. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu ta' ċittadini u negozji billi jkun issemplifikat ir-rikonoxximent ta' ċerti dokumenti pubbliċi, u b’hekk jiġu eliminati l-burokrazija u d-distakk eżistenti bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE u ċ-ċittadini;

20. Jitlob lill-Kummissjoni, sabiex b'konformità mal-impenji preċedenti meħuda minnha u b'segwitu għat-talbiet ripetuti tal-Parlament, biex tressaq proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-effetti relatati mal-atti tal-istat ċivili fl-UE, sabiex ikunu eliminati l-ostakoli diskriminatorji ġuridiċi u amministrattivi għaċ-ċittadini, kemm nisa kif ukoll irġiel, u l-familji tagħhom li jkun jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

21. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jintegraw l-opinjonijiet tas-servizzi pubbliċi u l-awtoritajiet kompetenti kollha, kemm fuq livell statali kif ukoll reġjonali u lokali bħar-responsabbli mill-pjanifikazzjoni u l-prestazzjoni tas-servizzi tal-politika ta’ ugwaljanza;

22. Itenni t-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' Kodiċi Ewropew tad-Dritt Internazzjonali Privat;

23. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-impatt differenzjat tal-qtugħ fl-infiq pubbliku fuq in-nisa u l-irgiel li jolqot b’mod indirett l-ugwaljanza tas-sessi; jirreferi f’dan il-kuntest li tnaqqis fid-dħul mit-taxxa u tnaqqis possibbli fil-baġit iwasslu għal tnaqqis fl-infiq pubbliku, u s-servizzi pubbliċi, bħall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kura soċjali jbatu fuq perjodu ta’ żmien medju, kif ibatu wkoll in-nisa li jużaw dawk is-servizzi;

24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu lill-pulizija reġjonali b’kompetenzi għall-ġlieda kontra r-reati kontra n-nisa mwettqa minn klikek organizzati

u/jew transkonfinali u jsaħħu l-koordinazzjoni bejn dawn l-aġenziji tas-sigurtà u l-pulizija operattivi;

25. Jiddeplora l-fatt li huwa kkalkulat li n-numru totali ta’ ħaddiema furzati fl-Istati Membri huwa stmat għal 880,000 persuna; minnhom 30 % huma stmati vittmi ta’ sfruttament sesswali u 70 % huma vittmi ta’ sfruttament tax-xogħol furzat, fejn in-nisa jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-vittmi tax-xogħol furza;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa l-programm e-Justice sabiex jiġi permess li ċ-ċittadini jkollhom aċċess dirett għall-informazzjoni u l-ġustizzja legali permezz ta' informazzjoni online;

27. Itenni l-petizzjoni tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tipproponi miżuri ta’ kooperazzjoni għall-mobilizzazzjoni tas-servizzi konsulari tal-pajjiżi ta’ oriġini bil-għan li tipprevjeni l-ħruġ frodulenti ta’ viżi, it-twettiq ta’ kampanji ta’ informazzjoni fil-pajjiżi ta’ oriġini, għall-vittmi potenzjali, speċjalment nisa u tfal, b’kooperazzjoni mal-awtoritajiet, u miżuri sabiex il-kontrolli fil-fruntieri jkunu aktar effikaċi għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-immigrazzjoni irregolari;

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi azzjonijiet għall-protezzjoni u l-għoti ta’ assistenza lin-nisa vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali b’miżuri li jinkludu l-iżvilupp ta’ sistemi ta’ kumpens, ir-ritorn sikur, l-għajnuna għar-reintegrazzjoni fis-soċjetà tal-pajjiż ta’ oriġini tagħhom f’każ ta’ ritorn volontarju, l-assistenza u l-għajnuna waqt ir-residenza tagħhom fl-UE u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ta’ oriġini għall-protezzjoni tal-familji tal-vittmi ta’ traffikar u sfruttament sesswali;

29. Ifakkar li madwar nofs il-migranti tal-UE huma nisa, u li status migratorju indipendenti għan-nisa u d-dritt għax-xogħol għall-konjuġi huma elementi kruċjali sabiex tiġi żgurata integrazzjoni effikaċi;

30. Jaċċentwa l-ħarsien tal-jeddijiet fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u jesprimi tħassib fil-konfront tar-restrizzjonijiet tal-aċċess għall-kontraċettivi u s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, partikolarment għall-abort, f’uħud mill-Istati Membri.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Andrea Češková, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Mary Honeyball, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Krisztina Morvai, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Minodora Cliveti, Mariya Gabriel, Nicole Kiil-Nielsen, Christa Klaß, Doris Pack, Angelika Werthmann |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Gesine Meissner |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.2.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 50<br>–: 6<br>0: 33 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Roberta Angelilli, Edit Bauer, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Andrew Henry William Brons, Zdravka Bušić, Salvatore Caronna, Carlo Casini, Philip Claeys, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Andrew Duff, Ioan Enciu, Frank Engel, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Monika Flašíková Beňová, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Kinga Göncz, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Sylvie Guillaume, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Rina Ronja Kari, Timothy Kirkhope, Klaus-Heiner Lehne, Juan Fernando López Aguilar, Antonio López-Istúriz White, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, David Martin, Antonio Masip Hidalgo, Clemente Mastella, Véronique Mathieu Houillon, Nuno Melo, Roberta Metsola, Louis Michel, Claude Moraes, Sandra Petrović Jakovina, Paulo Rangel, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Tadeusz Ross, Judith Sargentini, Algirdas Saudargas, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Francesco Enrico Speroni, Rui Tavares, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Nils Torvalds, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Cecilia Wikström, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Marino Baldini, Elmar Brok, Sergio Gaetano Cofferati, Luis de Grandes Pascual, Lorenzo Fontana, Mariya Gabriel, Anneli Jäätteenmäki, Franziska Keller, Jean Lambert, Eva Lichtenberger, Ulrike Lunacek, Marian-Jean Marinescu, Vital Moreira, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Andrés Perelló Rodríguez, György Schöpflin, Janusz Wojciechowski |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Richard Ashworth, Margrete Auken, Zoltán Bagó, Karin Kadenbach, Krzysztof Lisek, Catherine Stihler, Csaba Sándor Tabajdi, Jarosław Leszek Wałęsa, Anna Záborská |